IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 26.7.2012
COM(2012) 415 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Vantaġġi u żvantaġġi possibbli ta' tnaqqis għal żewġ kategoriji ta' armi tan-nar (ipprojbiti jew awtorizzati) bil-għan li jkun hemm funzjonament aħjar tas-suq intern għall-prodotti inkwistjoni, permezz ta' simplifikazzjoni possibbli.

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Vantaġġi u żvantaġġi possibbli ta' tnaqqis għal żewġ kategoriji ta' armi tan-nar (ipprojbiti jew awtorizzati) bil-għan li jkun hemm funzjonament aħjar tas-suq intern għall-prodotti inkwistjoni, permezz ta' simplifikazzjoni possibbli.

Dan ir-rapport huwa reazzjoni għal wieħed mir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi, kif emendata bid-Direttiva 2008/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008.

1. ID-DIRETTIVA 91/477/KEE U L-KWISTJONI TAL-KATEGORIZZAZZJONI TAL-ARMI TAN-NAR

1.1. Id-Direttiva 91/477/KEE oriġinarjament kienet tikkostitwixxi miżura ta' akkumpanjament fit-twettiq tas-suq intern. Għalhekk fil-liġi Ewropea kienu integrati garanziji ta' sigurtà adattati għal dan it-tip ta' prodotti, bi skambju għal ċerti faċilitajiet ta' moviment għall-armi tan-nar minn Stat Membru għal ieħor.

1.2. Din l-istess Direttiva għandha żewġ Annessi, l-ewwel wieħed (Anness I) jistabbilixxi kategorizzazzjoni - li sa issa għadha fis-seħħ - ta' armi tan-nar li jintużaw, b'mod partikolari, skont il-periklu tagħhom. Għaldaqstant kien hemm erba' kategoriji stabbiliti: il-kategorija A tiġbor fiha armi projbiti - armi tal-gwerra, il-kategorija B tinkludi l-armi soġġetti għal awtorizzazzjoni - fil-biċċa l-kbira tagħhom użati mit-tiraturi sportivi u l-kaċċaturi-, il-kategorija C tiġbor fiha l-armi soġġetti għal dikjarazzjoni - b'mod partikolari l-armi użati mill-kaċċaturi-, u finalment il-kategorija D - armi tan-nar oħra - applikabbli b'mod partikolari għal tip ta' arma speċifika[1].

1.3. Din il-kategorizzazzjoni tapplika r-rekwiżiti minimi, bħalma hu diġà l-każ għall-iskop kollu tad-Direttiva. Fil-fatt, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/477/KEE[2], l-Istati Membri jistgħu jagħmlu distinzjonijiet aktar stretti billi jeliminaw, pereżempju, il-kategoriji C u D, jew billi jinkludu minn żmien għal ieħor arma waħda jew oħra f'kategorija superjuri, skont il-politiki tagħhom jew il-perċezzjonijiet dwar is-sigurtà, jew skont it-tradizzjonijiet tal-kaċċa.

1.4. Din il-libertà li għandhom l-Istati Membri tirriżulta mill-karattru nnifsu tad-Direttiva li ma għandhiex l-għan li tarmonizza b'mod komplet iżda li tipprovdi bażi ta' sigurtà minima mingħajr preġudizzju dwar dak li jista' jiġi stabbilit mill-Istati Membri sabiex jipprevienu t-traffikar illegali tal-armi[3].

---

1 Armi tan-nar twal b'tir wieħed b'kanna lixxa.

2 "*Fil-liġi tagħhom l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet li huma aktar stringenti minn dawk ipprovduti f'din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija lir-residenti tal-Istati Membri fl-Artikolu 12(2)*".

3 Il-premessa 8 tad-Direttiva 91/477/KEE tistipula li: "*id-Direttiva ma taffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jieħdu miżuri sabiex iwaqqfu l-kummerċ illegali fl-armi*".

1.5. Għandu jiġi nnutat li d-Direttiva ma tapplikax għall-akkwist jew il-pussess ta' armi miżmuma mill-forzi armati, il-pulizija jew l-awtoritajiet pubbliċi jew mill-kollezzjonisti u korpi interessati fl-aspetti kulturali jew storiċi tal-armi u li huma magħrufa bħala tali mill-Istat Membru li huma stabbiliti fit-territorju tiegħu. Din id-distinzjoni hija fundamentali minħabba li din iġġib magħha diviżjoni bejn l-armi li jissejħu "ċivili" u tipi oħra ta' materjal li jintuża mill-forzi armati u xi drabi wkoll mill-kriminalità organizzata.

1.6. Din id-Direttiva kienet soġġetta għal rapport fil-15 ta' Diċembru 2000 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tagħha[4]. Il-konlużjonijiet tagħha, li ġeneralment kienu favorevoli, u ma ddubitawx il-kategorizzazzjoni tal-armi tan-nar kif inhu stipulat fl-Anness I, ma ġewx kontradetti sa issa.

2. IL-KATEGORIZZAZZJONI TAL-ARMI TAN-NAR FIL-KUNTEST TAL-ADOZZJONI TAD-DIRETTIVA 2008/51/KE TAL-21 TA' MEJJU 2008 LI TEMENDA D-DIRETTIVA 91/477/KEE U L-METODOLOĠIJA UŻATA GĦAL DAN IR-RAPPORT

2.1. Fil-kuntest tax-xogħlijiet tal-koleġiżlatur, l-ewwel approċċ kien iffukat fuq żewġ konsiderazzjonijiet prinċipali: tnaqqis għal żewġ kategoriji tan-nomenklatura tal-armi tan-nar (jew soġġetti għal projbizzjoni, jew soġġeti għal awtorizzazzjoni) ikun kemm aktar sigur għaċ-ċittadin Ewropew kif ukoll aktar sempliċi għall-operaturi ekonomiċi.

2.2. Madankollu din l-opinjoni ma kinitx kondiviża minn dawk li huma tal-opinjoni li l-Istati Membri għandhom iżommu ċertu marġni ta' diskrezjoni fil-klassifikazzjoni interna tal-armi tan-nar, naturalment sakemm tirrispetta l-limiti minimi stabbiliti fl-Anness I. L-operaturi ekonomiċi, bħall-utenti abitwali tal-armi tan-nar ċivili, ma jidhrux li huma aktar konvinti mill-vantaġġi li tista' ġġib magħha simplifikazzjoni ta' dan it-tip.

2.3. Dawn l-opinjonijiet huma mqassra fil-premessa 18 tad-Direttiva 2008/51/KE, li tistqarr li "*Diversi Stati Membri issimplifikaw il-mod kif jikklassifikaw l-armi tan-nar billi qalbu minn erba' kategoriji għal dawn it-tnejn li ġejjin. L-Istati Membri għandhom ikunu konformi ma' din il-klassifikazzjoni ssimplifikata, għalkemm l-Istati Membri li jaqsmu l-armi tan-nar f'sett ulterjuri ta' kategoriji jistgħu jżommu, konformement mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, is-sistemi ta' klassifikazzjoni eżistenti tagħhom.*"

2.4. L-għan ta' dan ir-rapport għaldaqstant huwa li jeżamina mill-ġdid il-kwistjoni tan-nomenklatura tal-armi tan-nar fuq referenza espliċita tal-aħjar funzjonament tas-suq intern u fil-perspettiva tar-"*rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni li tkun inħolqot minħabba l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*" mingħand il-Kummissjoni mhux aktar tard mit-28 ta' Lulju 2015, kif stabbilit ukoll fid-Direttiva.

2.5. Biex jagħmlu dan, is-servizzi tal-Kummissjoni adottaw approċċ li jinvolvi lis-servizzi tal-Istati Membri li huma kompetenti fir-rigward tal-armi tan-nar (b'mod partikolari l-Ministeri tal-Intern jew tal-Ġustizzja, skont l-Istati Membri), li ntbagħtilhom kwestjonarju matul ix-xahar ta' Novembru 2011, kif ukoll lill-gruppi ewlenin tal-utenti tal-armi tan-nar ċivili - b'mod partikolari produtturi, bejjiegħa bl-imnut, kaċċaturi, tiraturi sportivi, kollezzjonisti - li bosta drabi ġew mitluba biex jagħtu l-opinjoni tagħhom.

---

[4] COM(2000)0837 finali.

2.6. Il-kamp tal-mistoqsijiet li saru lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri kien wiesa', u kien jirrigwarda l-aspetti li ġejjin:

(1) l-importanza ekonomika tal-qasam tal-produtturi u l-bejjiegħa bl-imnut tal-armi tan-nar

(2) l-għadd ta' kaċċaturi u tiraturi sportivi reġistrati

(3) l-għadd ta' detenturi ta' Pass Ewropew tal-armi tan-nar

(4) indikazzjonijiet dwar l-evoluzzjoni ta' reati u delitti matul dawn l-aħħar snin

(5) kwalunkwe problema fl-intraċċar tal-armi tan-nar

(6) sottomissjoni sistematika għas-sistema ta' awtorizzazzjoni għal xiri ta' arma tan-nar

(7) awtorizzazzjoni valida għal arma tan-nar waħda jew aktar

(8) awtorizzazzjoni impliċita permezz ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja oħra

(9) eżistenza possibbli ta' sistema ta' dikjarazzjoni sempliċi

(10) interess għar-restrizzjonijiet obbligatorji tal-kategoriji tal-liġi Ewropea

(11) konsegwenzi possibbli ta' tali restrizzjoni fuq l-oqsma ekonomiċi kkonċernati

(12) titjib possibbli previst

Ġie iċċarat ukoll li l-armi li jissemmew fil-kamp tal-kwestjonarju kienu limitati għal dawk imsemmija mid-Direttiva, jiġifieri l-armi tal-kaċċa u għal tiri sportivi u li ma jinkludux l-armi tal-gwerra.

3. IL-VALUTAZZJONI TAL-PIŻ EKONOMIKU TAL-QASAM U TAL-UTENTI PRINĊIPALI TAL-ARMI TAN-NAR KIF INDIKAT MILL-KWESTJONARJU; DEJTA ĠENERALI

3.1. L-ewwel grupp ta' Stati Membri jidher li ma għandhomx, jew kważi ma għandhomx industriji li jipproduċu armi tan-nar ċivili. Dan il-grupp huwa importanti minħabba li jiġbor fih aktar minn 12-il Stat Membru. Madankollu, anki jekk il-produzzjoni hija baxxa jew insinifikanti, il-bejgħ bl-imnut jista' jibqa' pjuttost sinifikanti: pereżempju, fil-Finlandja hemm mhux inqas minn 600 negozjant involut fil-bejgħ bl-imnut u t-tiswija, u fl-Ungerija l-għadd huwa ta' madwar 500.

3.2. Grupp ieħor ta' pajjiżi għandu industrija tal-manifattura relattivament soda, il-biċċa l-kbira tradizzjonali, għalkemm il-livelli ta' produzzjoni mhumiex għoljin ħafna. Dawn huma s-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, l-Awstrija, u l-Polonja. Madankollu, dawn l-Istati Membri jista' jkollhom għadd pjuttost importanti ta' negozjanti, persuni li jsewwu jew bejjiegħa bl-imnut u pereżempju madwar 500 aġent fuq it-territorju tal-Polonja waħedha, u 700 għall-Awstrija[5].

[5] Sors għall-Awstrija: Assoċċjazzjoni Ewropea tal-kummerċ tal-armi ċivili.

3.3. L-Istati Membri bl-akbar għadd ta' popolazzjoni huma dawk li għandhom żoni ta' produzzjoni li huma l-akbar, għalkemm dan qed isir inqas sistematiku, u dan minħabba li l-industriji tal-produzzjoni qed jonqsu. Il-Ġermanja u l-Italja żammew livell sinifikanti ta' manifattura, li ta' spiss hija orjentata lejn l-esportazzjoni[6], iżda Franza u r-Renju Unit esperjenzaw tnaqqis kbir fil-produzzjoni tagħhom tal-armi ċivili, u Spanja wkoll għalkemm inqas minnhom. Dan ma jwaqqafx milli tinżamm nisġa ta' aġenti kummerċjali xi drabi sinfikanti ħafna bħall-każ pereżempju ta' Franza[7].

3.4. Madankollu l-Istati Membri bl-akbar popolazzjoni jikkorrispondu mal-popolazzjonijiet l-aktar numerużi tal-kaċċaturi u tat-tiraturi sportivi. Huwa għalhekk li wieħed isemmi aktar minn 1 400 000 kaċċatur fi Franza, madwar 850 000 fl-Italja, u aktar minn 1 500 000 fi Spanja. L-għadd ta' tiraturi sportivi huwa tradizzjonalment inqas minn dak tal-kaċċaturi, madankollu jibqa' sinifikanti ħafna: madwar 300 000 għall-Italja, 213 000 għal Franza, u madwar 14 600 għall-Polonja.

3.5. Huwa interessanti li wieħed isemmi li ċerti Stati Membri b'popolazzjoni relattivament baxxa (meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni) jirreġistraw proporzjonijiet sinifikanti ħafna ta' kaċċaturi jew ta' tiraturi sportivi. Għaldaqstant, l-Isvejza għandha minn tal-inqas 490 000 kaċċatur u 96 000 tiratur sportiv, filwaqt li l-Finlandja għandha rreġistrati aktar minn 300 000 kaċċatur u 35 000 tiratur sportiv. Min-naħa tagħha, id-Danimarka għandha madwar 169,000 kaċċatur u 120,000 tiratur sportiv.

3.6. Ta' min isemmi wkoll l-għadd ta' detenturi tal-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar[8] li jagħti indikazzjoni ċara (għalkemm mhux l-unika waħda) tal-mobilità tal-kaċċaturi u t-tiraturi sportivi fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Uħud mill-Istati Membri bħall-Awstrija għandhom għadd relattivament għoli ta' detenturi ta' dan id-dokument (38 000), b'mod proporzjonali dan l-għadd huwa inqas mifrux f'pajjiżi oħra (madwar 20 000 detentur għall-Italja, 39 378 għal Franza).

4. INDIKAZZJONIJIET DWAR L-EVOLUZZJONI TAR-REATI U D-DELITTI MARBUTA MAL-UŻU TAL-ARMI TAN-NAR U T-TRAĊĊABILITÀ TAL-ARMI ĊIVILI

4.1. Dwar il-mistoqsija sabiex wieħed ikun jaf jekk ġietx reġistrata żieda sinifikanti fil-kriminalità permezz tal-armi tan-nar tal-kaċċa jew tal-isport matul dawn l-aħħar snin, it-tweġiba fil-biċċa l-kbira tagħha tkun negattiva. Xi Stati Membri bħall-Greċja, il-Polonja, l-Isvezja, jew il-Portugall esperjenzaw żieda żgħira jew insinifikanti.

4.2. Il-maġġoranza tal-Istati Membri, pereżempju l-Awstrija, l-Ungerija, il-Bulgarija, ir-Renju Unit, il-Finlandja u Spanja huma tal-opinjoni li t-tendenza tibqa' stabbli f'din it-tip ta' delinkwenza. Stati Membri oħra esperjezaw ukoll tnaqqis, bħall-Belġju u l-Irlanda.

---

6 Minn 85% sa 90% tal-produzzjoni tal-armi tan-nar ċivili Ġermaniżi ġiet esportata wkoll lejn pajjiżi terzi jew pajjiżi tal-Unjoni (sors : Association of European Manufacturers of Sporting Firearms).

7 Skont iċ-ċifri tal-Istitut Ewropew tal-armi tal-kaċċa u tal-isport madwar 800 sa 1 000 ħanut tal-bejgħ fi Franza jgħixu prinċipalment minn fuq l-armamenti.

8 Il-Pass Ewropew tal-armi tan-nar ġie stabbilit permezz tad-Direttiva 91/477/KEE. Dan huwa "*dokument li jinħareġ fuq it-talba tal-awtoritajiet ta' Stat Membru lil persuna li b'mod legali jkollha l-pussess ta' u l-użu ta' arma tan-nar*" (l-Artikolu 1, paragrafu 4). Dan jippermetti lid-detentur jivvjaġġa bl-arma tiegħu f'sistema ta' awtorizzazzjoni simplifkata minn Stat Membru għal ieħor biex jeżerċita attività li l-aktar ta' spiss tkun il-kaċċa jew l-isport tal-isparar. Dan għandu valur kbir għall-utenti tiegħu u ma ġiet rappurtata l-ebda problema ta' sigurtà dwar l-awtorizzazzjoni jew l-użu tiegħu.

4.3. Dawn l-elementi mhumiex esklussivi għal ċerti evoluzzjonijiet fil-kriminalità bl-armi tan-nar, marbuta pereżempju, mad-dispożizzjoni tal-armi- b'mod partikolari tal-gwerra- minn xi kunflitti armati. Madankollu, dawn it-tip ta' armi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li tikkwalifikahom bħala li huma diġà projbiti (kategorija A tal-Anness 1) meta mqabbla ma' dawk li jistgħu jinkisbu għal użu f'attività ta' passatemp jew sport.

4.4. Fil-fatt, dawn l-armi awtorizzati mid-Direttiva jkollhom ħafna inqas diffikultà ta' "traċċar" kif juru t-tweġibiet tal-kwestjonarju, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma rassiguranti, f'dak li jirrigwarda l-moviment legali fi ħdan l-Unjoni; fil-fatt, il-maġġoranza tal-Istati Membri huma tal-opinjoni li hemm relattivament ftit problemi, tal-inqas fil-livell nazzjonali, fit-"traċċar" tal-armi tan-nar ċivili.

4.5 Madankollu jista' jkun hemm xi diffikultajiet fil-ġbir jew l-ipproċessar tat-tagħrif li jippermetti li tiġi intraċċata arma li seta' kellha ħafna sidien. B'mod partikolari, rekwiżit essenzjali jidher li huwa ż-żamma ta' rekords tajbin mill-istati membri- u mill-manifatturi tal-armi - u l-aċċessibilità tagħhom għat-task force.

5. IS-SISTEMA TAL-AKKWIST U L-PUSSESS TA' ARMA TAN-NAR ĊIVILI

5.1. Il-prinċipju ġenerali li rriżulta mit-tweġibiet tal-kwestjonarju huwa li l-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar ċivili huma soġġetti għal sistema ta' awtorizzazzjoni u, f'ċerti każijiet ħafna aktar limitati, għal sistema ta' dikjarazzjoni jew ta' reġistrazzjoni amministrattiva, b'din tal-aħħar tikkorrispondi fil-prattika ma' awtorizzazzjoni indiretta. Dan il-prinċipju ġenerali ma għandux jimpedixxi ċerti tipi ta' armi, jew li għandhom ċerti karatteristiċi, fi Stat Membru wieħed jew ieħor, jibbenefikaw minn sistema ta' akkwist inqas stretta, bħal ċerti armi storiċi jew l-armi diżattivati.

5.2. Madankollu, is-sistema ta' awtorizzzazzjoni ma timplikax neċessarjament li għandha tintalab awtorizzazzjoni sistematikament qabel ma jsir ix-xiri ta' kull arma. Għaldaqstant, awtorizzazzjoni tista' tingħata għal xiri ta' għadd preċiż u identifikat ta' armi li l-karatteristiċi huma mniżżla fl-awtorizzazzjoni stess (il-każ pereżempju tal-Awstrija, il-Polonja, jew il-Lussemburgu).

5.3. L-awtorizzazzjoni tax-xiri nnifisha tista' tkun awtorizzazzjoni addizjonali jew tkun kundizzjoni fuq, pereżempju, il-kwalità tal-kaċċatur jew tat-tiratur sportiv jew f'ċerti każijiet għar-rikonoxximent permezz ta' deċiżjoni amministrattiva li x-xerrej huwa intitolat li jixtri arma għal raġunijiet ta' difiża personali (pereżemju fil-każ, tal-Finlandja, jew tal-Polonja).

5.4. Is-sistema ta' dikjarazzjoni - kategorija C fl-Anness I tad-Direttiva 91/477/KEE- tapplika wkoll għal għadd kbir ta' armi tal-kaċċa, b'mod partikolari fi Franza. F'din is-sistema, ix-xerrej għandu jagħti lill-armier kopja tal-karta tal-identità u taċ-ċertifikat li jiġġustifika x-xiri tiegħu (permess tal-kaċċa validu, pereżempju); wara huwa jimla mal-armier[9], dikjarazzjoni, li hija reġistrata u mibgħuta minn dan tal-aħħar lill-awtoritajiet kompetenti. Jekk l-awtorità topponi t-tranżazzjoni, hija titlob lix-xerrej biex jirritorna l-arma tiegħu jew iġġiegħlu jagħmel dan permezz tal-awtorità tal-infurzar tal-liġi.

5.5. Fi Franza, għad hemm għadd ta' armi tal-kaċċa li għadhom miġbura f'daqqa f'kategorija intermedjarja ġdida bejn il-kategoriji C u D tad-Direttiva: dawn huma armi tan-nar twal b'tir

[9] L-armier jwettaq verifika inizjali fil-fajls tal-persuni "mhux permessi li jkollhom arma tan-nar".

wieħed b'kanen lixxi, li jaqgħu taħt is-sistema l-ġdida ta' "reġistrazzjoni", li hija simili ħafna tas-sistema ta' "dikjarazzjoni" (kopja tal-karta tal-identità, tal-permess tal-kaċċa/liċenżja tal-isparar, formola li għandha timtela, verifiki mill-awtoritajiet tal-pulizija).

5.6. Għaldaqstant ma jidhirx li huwa possibbli minn dawn it-tweġibiet li l-armi tan-nar jistgħu jaqgħu taħt il-klassifika l-inqas restrittiva tal-kategorija D tad-Direttiva. jiġifieri li huma suxxettibbli li jinxtraw mingħajr formalitajiet partikolari, kif tippermetti d-Direttiva għall-armi tan-nar twal b'tir wieħed b'kanen lixxi. L-Istati Membri li kellhom din il-possibilità, kollha kemm huma introduċew rekwiżiti aktar stretti (kif jidher fil-paragrafu ta' hawn fuq).

5.7. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-klassifikazzjoni tal-armi fis-seħħ introdotta fi Stat Membru (projbizzjoni, awtorizzazzjoni, dikjarazzjoni, reġistrazzjoni) hija vinkolanti u tipprevali fuq il-klassifikazzjoni tal-armi fil-pajjiż tax-xiri tagħhom. Fi kliem ieħor, jekk pereżempju, arma li nxtrat fi Stat Membru kienet taħt sistema ta' awtorizzazzjoni, iżda l-propjetarju tagħha (anki jekk ikun detentur ta' Pass Ewropew tal-armi tan-nar) għandu l-intenzjoni li jeħodha miegħu fi Stat Membru ieħor li japplika sistema ta' projbizzjoni għal dik l-arma, is-sistema ta' projbizzjoni tipprevali u l-arma ma tkunx tista' titlaq mill-pajjiż tal-oriġini tagħha.

6. L-ISTATI MEMBRI GĦANDHOM OPINJONIJIET DIFFERENTI DWAR L-ADEGWATEZZA TA' TNAQQIS TAL-KATEGORIJI PERMESSI MID-DIRETTIVA

6.1. Ċerti Stati Membri, bħall-Polonja, ir-Renju Unit, l-Irlanda, id-Danimarka, il-Latvja, juru interess għat-tnaqqis għal żewġ kategoriji fil-livell tal-Unjoni Ewropea, minħabba li jħossu li dan jissimplifika l-affarijiet.

6.2. Min-naħa l-oħra, Stati Membri oħra huma tal-opinjoni li tista' tinżamm il-flessibilità permessa mill-klassifikazzjoni attwali tad-Direttiva. B'dan il-mod, l-Isvezja, l-Italja, l-Ungerija, u l-Belġju ma jaraw l-ebda vantaġġi reali fl-emendi tan-nomenklatura attwali, filwaqt li jħossu li kwalunkwe reviżjoni ġġib magħha piż addizzjonali u toħloq spejjeż bla bżonn.

6.3. Xi Stati Membri, bħas-Slovakkja, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Rumanija, li adottaw, fuq livell nazzjonali, sistema bbażata fuq żewġ jew tliet kategoriji, jippreferu wkoll li l-Istati Membri jkunu liberi li japplikaw il-klassifikazzjonijiet li jikkunsidraw bħala xierqa fi ħdan in-nomenklatura attwali.

6.4. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk dan it-tnaqqis tal-kategoriji jkollux impatt sostanzjali fuq l-oqsma ekonomiċi, il-maġġoranza tal-Istati Membri wieġbu li huwa diffiċli li wieħed jagħti stima tal-effett, jew li probabbilment ma jkunx hemm impatt, minħabba li l-klassifikazzjoni b'żewġ kategoriji diġà hija mifruxa sew. Madankollu, għandu jiġi nnutat li huma prinċiplament l-Istati Membri li ma jipproduċux armi tan-nar li huma tal-opinjoni li l-impatt ekonomiku fuq it-tnaqqis tal-għadd ta' kategoriji ma jkunx sinifikanti ħafna f'pajjiżhom.

6.5. Bil-kontra, ċerti Stati Membri bħall-Italja u l-Belġju, li għandhom industrija tal-manifattura tal-armi tan-nar huma tal-opinjoni li s-settur ekonomiku jkollu impatt negattiv. Stati Membri oħra, bħall-Polonja, jirikonoxxu li jista' jkun hemm impatt ekonomiku, iżda xorta waħda ma jaraw l-ebda raġuni għat-tnaqqis tal-għadd ta' kategoriji.

6.6. Madankollu ma jidhirx li għal ħafna mill-Istati Membri t-tnaqqis għal żewġ kategoriji tal-kategoriji tal-armi tan-nar tal-Anness I tad-Direttiva jġib miegħu vantaġġi ċari biex ikun

hemm tħaddim aħjar tas-suq intern. Il-biża' ta' distorsjoni tal-kummerċ legali lejn kummerċ illegali f'każ ta' tnaqqis ta' restrizzjonijiet seta' jwassal għal dan ukoll.

7. XI SUĠĠERIMENTI APPARTI DAWK DWAR IT-TNAQQIS TAL-KATEGORIJI SARU BIL-GĦAN LI JKUN HEMM MOVIMENT AKTAR SEMPLIĊI TAL-ARMI TAN-NAR F'KUNTEST SIGUR IMSAĦĦAĦ

7.1. Huwa għalhekk li xi Stati Membri, bħall-Ġermanja, l-Estonja u l-Polonja, jaraw vantaġġ ċar fid-definizzjoni ta' standards komuni għad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar abbażi ta' tekniki proposti fi gruppi ta' ħidma *ad hoc* tal-Kummissjoni internazzjonali għall-armi tan-nar portabbli (CIP[10]); tista' turriżulta f'żieda fis-sigurtà bħall-iffaċilitar ta' skambji fuq livell tal-Unjoni.

7.2. Stati Membri oħra bħall-Isvezja, il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, il-Lussemburgu u l-Portugall, min-naħa tagħhom huma tal-opinjoni li tista' tiżdied il-kompjuterizzazzjoni tat-tagħrif fl-Istati Membri filwaqt li tippermetti korrelazzjoni tal-movimenti tal-armi tan-nar mas-sidien tagħhom. Għadaqstant għandu jsir sforz sabiex it-tagħrif li jinsab fir-reġistri jkun aċċessibbli għall-Istati Membri kollha, u għalhekk jiffaċilita l-iskambju ta' tagħrif fi ħdan l-Unjoni Ewropea fejn meħtieġ.

7.3. Ċerti suġġerimenti huma aktar speċifiċi, bħal dak li t-trasportaturi kummerċjali jkunu mgħammra b'armi tan-nar b'tagħmir tal-GPS li jippermetti li jkunu intraċċati (ir-Repubblika Ċeka) jew li jiggarantixxi qafas addizzjonali għall-attivitajiet tal-impriżi tas-sigurtà privati (il-Bulgarija); proposti oħra huma aktar ambizzjużi, bħal approssimazzjoni tad-definizzjonijiet fir-rigward ta' armi tan-nar biex jiffavorixxu approċċ komuni fuq livell tal-Unjoni (il-Pajjiżi l-Baxxi).

7.4. Ċerti Stati Membri jaraw vantaġġ fil-ħolqien ta' formola ta' trasferiment standard għall-iskambji kummerċjali tal-armi tan-nar (ir-Rumanija). Dan id-dokument jippermett li jittieħed it-tagħrif kollu fl-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni jew fin-notifiki ta' tranżazzjonijiet kummerċjali fi Stat Membru jew ieħor.

7.5. Madankollu, għadd sinifikanti ta' Stati Membri huma tal-opinjoni li l-qagħda attwali hija fil-biċċa l-kbira tagħha, sodisfaċenti u/jew ma jipproponux miżuri partikolari. Uħud mill-Istati Membri, bħall-Italja, huma tal-opinjoni li kull tibdil previst ikun ikkunsidrat fir-rigward tal-priniċipju ta' proporzjonalità jew fir-rigward tal-ħtiġijiet reali li jiġġustifikaw inizjattivi fil-livell tal-UE.

7.6. B'mod ġenerali, ir-rimarki tal-Istati Membri jirrigardaw b'mod partikolari l-kwistjonijiet tat-traċċabilià u tad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar. Dawn huma preċiżament żewġ aspetti fejn il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tintervjeni, jew permezz ta' tfassil ta' linji gwida komuni fir-rigward tal-istandards u t-tekniki ta' diżattivazzjoni, jew billi tassigura li l-obbligi

---

[10] Il-Kummissjoni internazzjonali permanenti (C.I.P.) għall-ittestjar tal-armi tan-nar portabbli hija r-riżultat ta' ftehim intergovernattiv li permezz tiegħu l-pajjiżi prinċipali li jipproduċu l-armi tan-nar (11-il pajjiż Ewropew flimkien maċ-Ċili, ir-Russja u l-Emirati Għarab Magħquda) jimpenjaw ruħhom biex jirrikonoxxu t-testijiet fuq l-armi tan-nar u ta' munizzjonijiet f'"postijiet tal-ittestjar", qabel it-tqegħid fis-suq, skont il-kriterji tekniċi definiti u aġġornati fi ħdan is-C.I.P. Dan ir-rikonoxximent immaterjalizza ruħu permezz ta' timbru fuq l-arma tan-nar li jippermetti li jiġi identifikat il-post tal-ittestjar fejn sarulha t-testijiet. F'ċerti postijiet tal-ittestjar, l-armi tan-nar huma wkoll diżattivati skont it-tekniki u l-eżiġenzi li jistgħu jvarjaw mingħajr ma jkunu rikonoxxuti minn Stat Membru jew ieħor.

tal-Istati Membri jiġu rispettati fir-rigward ta' żamma ta' fajl kompjuterizzat[11]; dawn iż-żewġ kompiti kienu preskritti mid-Direttiva 2008/51/KE stess.

8. IL-KATEGORIJI L-KBAR TAL-UTENTI TAD-DIRETTIVA JIDHRU INTERESSATI F'SIMPLIFIKAZZJONIJIET LI MHUX BILFORS JIMPLIKAW TNAQQIS TA' KATEGORIJI

8.1. Il-kaċċaturi (madwar 7 miljun persuna fi ħdan l-Unjoni Ewropea[12]) jidhru li huma sodisfatti bil-kategoriji attwali mfassla fuq it-tradizzjonijiet tal-kaċċa u s-sigurtà tal-Istat Membru tagħhom. Dawn huma marbuta ħafna mar-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-Pass Ewropew tal-armi tan-nar li jippermetti faċilità relattiva tal-movimenti tagħhom minn Stat Membru għal ieħor f'qafas sigur sodifaċenti ħafna.

8.2. It-tiraturi sportivi jistgħu jużaw ukoll il-Pass Ewropew tal-armi tan-nar biex jivvjaġġaw minn Stat Membru għal ieħor biex jipparteċipaw, f'ħafna mid-drabi, f'kompetizzjonijiet. L-ivvjaġġar tagħhom jidher li huwa sorveljat tajjeb, u huwa soġġett għal sistema ta' awtorizzazzjoni stretta ssorveljata mill-federazzjonijiet tat-tiraturi lokali u nazzjonali. Tnaqqis obbligatorju tal-kategoriji fil-livell Ewropew ma jidhirx li joħloq xi simplifikazzjoni ċara f'dan il-qasam lanqas.

8.3. Għalkemm l-attivitajiet tagħhom mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, il-kollezzjonisti tal-armi tan-nar antiki, storiċi jew ta' riproduzzjonijiet tal-armi storiċi, japprezzaw li jkollhom il-possibilità li jinkludu l-oġġetti ta' kollezzjoni tagħhom fuq Pass Ewropew tal-armi tan-nar, minħabba li dan jiffaċilita l-moviment ta' dan it-tip ta' prodott minn Stat Membru għal ieħor. Miżuri oħra li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tal-armi ta' dan it-tip mill-Istati Membri, bħat-trasport tagħhom minn Stat Membru għal ieħor, ikunu apprezzati minn qasam li jiġbor fih il-forniturі, l-istabbilimenti kulturali, djar tal-irkant, esperti awtorizzati eċċ.

8.4. Il-produtturi tal-armi tan-nar ċivili jkunu interessati f'miżuri ta' simplifikazzjoni li jistgħu jseħħu. F'dan ir-rigward, għandha tiġi nnutata x-xewqa dejjiema tal-industrija sabiex tkun tista' tibbenefika, effettivament minn liċenzji globali għat-trasferimenti ta' armi tan-nar fi ħdan l-Unjoni. L-awtorizzazzjonijiet għal kull trasferiment ma għandhomx jingħataw mill-Istati Membri, iżda għandu jkun hemm awtorizzazzjoni li tkun valida matul perjodu speċifiku, għal tip predefinit ta' prodotti[13], u dan għall-benefiċċju tal-operaturi li jippreżentaw għadd ta' garanziji approvati.

8.5. Il-produtturi kif ukoll il-bejjiegħa bl-imnut jixtiequ simplifikazzjoni tad-definizzjoni anki ta' partijiet essenzjali tal-armi tan-nar. Fil-fatt dawn id-definizzjonijiet ta' partijiet essenzjali

---

11 Dan il-fajl ta' dejta kompjuterizzata dwar l-armi tan-nar li jippermetti li jgħaqqad l-armi mas-sid tagħhom għandu jiġi stabbilit mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014 skont it-termini tad-Direttiva 2008/51/KE stess.

12 Iċ-ċifri huma pprovduti mill-Federazzjoni tal-Assoċjazzjonijiet tal-Kaċċa u l-Konservazzjoni tal-Fawna Salvaġġa tal-UE (FACE) li tiġbor fiha l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-kaċċaturi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ta' pajjiżi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa.

13 Din il-possibilità diġà teżisti teoretikament fid-Direttiva 91/477/KEE. L-Artikolu 11 tagħha jistipula li l-armieri jistgħu jibbenefikaw minn approvazzjonijiet li jingħtawlhom, f'ċerti każijiet, għat-trasferiment ta' armi tan-nar minn Stat Membru għal ieħor mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel. Din il-possibilità mandankollu ma tapplikax ħlief rarament għaliex din timplika li l-Istati Membri ta' oriġini u dawk destinatarji jirrikonoxxuha, u dan f'qafas regolatorju komparabbli.

tal-armi tan-nar ma jaqblux eżatt minn leġiżlazzjoni għal oħra, u aktar preċiżjoni tista' ttejjeb il-fluss u s-sigurtà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali.

8.6. Fil-qosor, jidher, li l-kategorizzazzjoni attwali tal-armi tan-nar fil-leġiżlazzjoni tal-UE ma wasslitx għal kritika speċifika mill-kategoriji l-kbar tal-utenti tad-Direttiva. Madankollu, jidher biċ-ċar li hemm xewqa li ssir simplifikazzjoni tal-miżuri sabiex ikun hemm funzjonament aħjar tas-suq intern.

9. IL-KWISTJONI TAL-KATEGORIZZAZZJONI FIL-LIVELL TAL-UNJONI TAL-ARMI TAN-NAR ĊIVILI MADANKOLLU TISTA' TIĠI EVALWATA MILL-ĠDID FID-DAWL TAL-ISKADENZI U L-GWIDI MOGĦTIJA MID-DIRETTIVA NNIFISHA

9.1. L-obbligu tal-Istati Membri, għall-31 ta' Diċembru 2014, sabiex jistabbilixxu u jżommu fajl bid-dejta kompjuterizzata se jkun qed jissodisfa x-xewqa espressa fit-tweġibiet tal-kwestjonarju għal titjib fl-aċċessibilità għal tagħrif. F'dan il-kuntest ikun interessati li jerġgħu jitqiesu l-problemi eventwali ta' traċċabilità fil-livell tal-Unjoni li jistgħu jkunu attribwiti għall-kategorizzazzjoni attwali tad-Direttiva.

9.2. Barra minn hekk, filwaqt li għadd ta' tweġibiet tal-Istati Membri juru x-xewqa għal metodi komuni ta' diżattivazzjoni tal-armi tan-nar, ta' min wieħed ifakkar li dan il-kompitu se jseħħ daqlwaqt mill-Kummissjoni, b'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva[14]. Dan għandu jirriżulta f'livell ogħla ta' sigurtà għall-moviment ta' dan it-tip ta' prodotti.

9.3. Għandu jiġi nnutat ukoll li t-tħassib espress mill-Istati Membri għal aktar traċċabilità tista' tiġi indirizzata minn referenza espliċita fid-Direttiva 2008/51/KE: din hija dwar ir-referenza, fil-premessa (7), tal-Konvenzjoni tal-1 ta' Lulju 1969 għar-Rikonoxximent Reċiproku ta' Marki ta' Prova fuq Armi Żgħar, li "*għandha tintuża, kemm jista' jkun possibbli, bħala referenza għas-sistema tal-immarkar fil-Komunità kollha kemm hi*".

9.4. F'dan ir-rigward, tista' ssir diskussjoni fi żmien qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-istrutturi tal-Kummissjoni Internazzjonali Permanenti għall-Prova tal-Armi tan-Nar Portabbli (CIP), bil-għan li jiġu stabbiliti standards rikonoxxuti għall-ittestjar tal-armi tan-nar fi ħdan l-Unjoni. Tabilħaqq, superviżjoni addizzjonali - u vverifikata fuq il-produzzjoni u l-moviment tal-armi tan-nar fi ħdan l-Unjoni Ewropea jistgħu jwasslu għal vantaġġi fl-aspetti kollha tas-sigurtà.

9.5. Għaldaqstant wieħed jista' jikkonkludi, minn elementi miġbura, li mhux se jkun hemm vantaġġi evidenti minn restrizzjoni obbligatorja għal żewġ kategoriji ta' armi tan-nar fil-livell tal-UE. din il-perspettiva ma għandhiex tiġi trattata b'mod iżolat, minħabba li jista' jkun hemm ir-riskju li d-diskussjoni tkun iffukata biss fuq il-kwistjoni ta' liema tip ta' dokument jikkostitwixxi awtorizzazzjoni, u dan probabbilment iwassal għal sitwazzjoni ftit li xejn differenti mid-diversità attwali fi ħdan l-Unjoni.

9.6. Għaldaqstant huwa fid-dawl tal-kuntest tar-rapport dwar il-qagħda tal-implimentazzjoni tad-Direttiva li l-Kummissjoni se tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-28 ta' Lulju 2015 - akkumpanjata, jekk xieraq, minn proposti - li wieħed għandu jagħmel użu minnhom biex wara ssir analiżi tal-iżviluppi kollha possibbli u mixtieqa mid-Direttiva

---

[14] Fl-Anness I, id-Direttiva tistipula li "*Il-Kummissjoni għandha, waqt li taġixxi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13a(2), toħroġ linji gwida komuni dwar l-istandards u t-teknika ta' diżattivazzjoni sabiex tiżgura li l-armi tan-nar diżattivati isiru inoperabbli b'mod irriversibbli*".

2008/51/KE, u dan fil-perspettiva ta' simplifikazzjoni li tiġbor fiha l-ħtiġijiet speċifiċi u l-limiti inerenti għal dawn it-tip ta' prodotti.

9.7. Il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport se jkunu preżentati f'Ottubru 2012 waqt laqgħa tal-Grupp ta' Kuntatt imwaqqaf skont id-Direttiva. Dawn għandhom jġu diskussi wkoll f'konferenza dwar it-traffikar illegali tal-armi tan-nar li l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tagħmel f'Novembru 2012 bil-parteċipazzjoni tal-partijiet involuti fil-ġlieda kontra din il-forma ta' kriminalità. B'mod partikolari, din se ssir biex tevalwa l-ħtiġijiet f'dan il-qasam, kif ukoll biex jitfasslu linji gwidi għal inizjattivi futuri.